MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 928/1997/1

Tony Farrugia
vs
Chairman Telemalta Corporation u b'digriet tad-9 ta' Dicembru 1999 giet korretta ghal Maltacom p.l.c. bhala successur tal-istess

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1993 u anke l-1995 ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni li kien haqqu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor illi r-rikorrent kien dahal jahdem mal-Korporazzjoni Telemalta fl-1956 meta din kienet ghadha maghrufa bhala "Cable & Wireless". Illi r-rikorrent kellu l-grad ta' "Charge Hand" u li fl-1993 kien sar bdil fin-nomenklatura tal-grad tieghu ghal dik ta' CSA. Illi

b'dan it-tibdil ir-rikorrent kien sofra "downgrading" fil-grad tieghu.

Illi wkoll fl-1993 kienu hargu "call for application" ghall-promozzjonijiet ta' CSO u li r-rikorrent kien applika ghal din l-promozzjoni. Illi minkejja li kien hassu mar tajjeb fl-interview, ir-rikorrent ma nghatax din il-promozzjoni. Illi individwi ohra b'inqas esperjenza u servizz minn tar-rikorrent inghataw din il-promozzjoni.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib quddiem dan it-Tribunal biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda kollha ndikati f'dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jinghata l-promozzjoni li huwa kien haqqu ta' CSO u dan mid-data b'lura tal-1993, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jidhirlu xieraq dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-korporazzjoni intimata li eccepiet:

1. Illi l-korporazzjoni tichad li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2. Illi mhux veru li r-rikorrent kien gie downgraded minhabba tibdil fin-nomenklatura fl-1993. Li gara kien li l-grad tar-rikorrent kien gie assimilat fil-grad gdid ta' Customer Services Assistant. Dan kien bi ftehim mal-Union li tirrapprezentah. B'effett ta' din l-assimilazzjoni r-rikorrent tela' minn skala 15 li kien jokkupa ghal skala 14 u wara ghal skala 13 b'effett mill-1 ta' Gunju 1993.

3. Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Customer Services Officer kienet harget fis-17 ta' Frar 1994. Ir-rikorrent kien applika pero` ma kienx ikkwalifika u ghalhekk ma setghax jintghazel. Ir-rikorrent kien eligibbli biex japplika minhabba ftehim mal-union tieghu.

4. Illi minn massimu ta' 100 marka r-rikorrent gab 47 marka. Dawn kienu mqassmin hekk: ebda marka minn 25 marka ghal kwalifiki; 30 marka minn 30 marka ghall-esperjenza fuq ix-xoghol; 15-il marka minn 15-il marka ghas-snin ta' servizz; 1 minn 15-il marka ghal leadership skills; u 1 minn 15-il marka ghal Motivation/Aptitude/Merit.

5. Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Xehed ir-rikorrent li kkonferma l-kontentut tar-rikors. Qal li kien ilu mill-1975 bhala chargehand meta applika ghal CSO u qal kien applika tliet darbiet ghall-CSO. Sal-1993 kien ghadu chargehand u mbaghad saret riforma u kawza ta` dik ir-riforma spicca operator u ma baqax aktar in charge min-nies. Lic-chargehands l-ohra tal-grad tieghu, fosthom Leonard Attard, Charles Galea, Charles Vassallo, Joe Pavia, qabdu u ghamluhom CSO`s u hu baqa' barra. Semma li Charles Vassallo anqas chargehand ma kien mieghu. Charles Grech, Twanny Agius, Tony Sant u Joe Cachia wkoll qabzuh liema persuni qabda minnhom anqas biss kienu chargehands. Dawn saru CSO`s semplicement bir-riforma u hu ppretenda li jispicca bhalhom. Fl-1993 il-paga kienet telghatlu u minn skala 14 sar 13. Hu ma kienx ha promotion izda kienet assimilazzjoni. L-ohrajn li semma telghu Lm80 fix-xahar

aktar minnu. Ghalhekk hu tela' bicca izda kien hemm dawk li kienu bhalu u anqas minnu li telghu ferm aktar minnu. Inqabez mill-anqas 3 darbiet ghalkemm kellu hafna aktar Seniority mill-ohrajn.

Xehed Lino Debono Segretarju Taqsima Parastatali tal-General Workers' Union li semma li jaf lir-rikorrent. Ma jiftakarx jekk wara r-rizultat ir-rikorrent marx jilmenta jew le mal-union. Qal li l-ftehim kollettiv ma kienx jitkellem biss dwar kemm iggib marki izda li trid tghaddi u ghalhekk trid il-kwalifika tal-50% tal-marki u wkoll jiddependi mill-vacancies li jkun hemm u ghalhekk jintghazlu ta' fuq nett. Il-ftehim tal-1994 kellu li jkun hemm diversi assimilazzjonijiet u dan skond kif hemm indikat fil-ftehim dejjem abbazi tas-seniority.

In segwitu tal-ftehim kollettiv dawk li kienu fit-telefonija u dawk li kienu fit-telegrafija l-anqas grad li setghu jiehdu permezz tal-assimilazzjoni kien li jiehdu s-CSA. Mhux minnu li dawk kollha li kienu f'San Gorg kienu saru CSO. Kien ghamlu arbitragg ghax kien hemm xi hadd li gie assimilat fil-grad ta' Customer Service Officer u dan ma kienx jaghmel ix-xoghol ta' Customer Service Officer u kienu lahqu ftehim waqt li kienu qed jittrattaw l-arbitragg u lahqu ftehim barra l-arbitragg.

Xehed David Buttigieg kap tal-ufficcju legali tal-kumpanija li semma li fis-27 ta' Awissu 1993 kien sar ftehim bejn il-Korporazzjoni Telemalta u l-General Workers' Union dwar it-twaqqif ta' Customer Service Unit. Dan il-ftehim kien b'effett mill-1 ta' Gunju 1993 u kellu l-ghan li jassimila l-gradi kollha li kellhom x'jaqsmu mat-telefonija u t-telegrafija fil-gradi godda ta' Customer Care u pprezenta kopja tal-ftehim. Minn dan il-ftehim jidher car li l-grad ta' Telephone Operator Chargehand gie assimilate ghall-grad ta' Customer Service Assistant. Dan fisser li r-rikorrent minn Skala 15 li kien jokkupa tela' Skala 13 b'effett mill-1 ta' Gunju 1993 u ghalhekk lir-rikorrent ma jirrizultax li sofra xi downgrading, anzi giet qisa bhala promotion.

Rigward il-promozzjoni ta' CSO fl-1994 ghamel referenza ghal sentenza tal-istess Tribunal numru 106/97 fl-ismijiet

ta’ Priscilla Pirotta vs Maltacom p.l.c. Dik kienet l-istess claim u wara l-istess call for applications bhal ta’ Priscilla Pirotta. Rigward l-impjegati li semma r-rikorrent li saru CSO’ s qal li kemm Leonard Attard, Charles Galea u Charles Vassallo saru CSO’ s b’effett mill-1 ta’ Gunju 1993 peress li kienu saru Telephone Operator Chargehand ferm qabel ma sar ir-rikorrent. Fil-fatt dawn kienu saru Telephone Operator Chargehand b’effett mill-1 ta’ Jannar 1979 filwaqt li r-rikorrent sar Telephone Operator Chargehand b’effett mill-1 ta’ Ottubru 1986 jigifieri 7 snin wara sar, allura huma gew assimilati fi grad aktar gholi. Qal li Charles Vassallo qatt ma kien Chargehand izda dan ma giex assimilat fil-grad ta’ CSO, izda fil-grad ta’ CSA bhar-rikorrent b’effett mill-1 ta’ Gunju 1993. Jigifieri ma setax jaghmel comparison ghax gie assimilat bhalu ezatt mhux assimilat grad aktar. Charles Vassallo lahaq CSO fl-1 ta’ Marzu 1996 permezz ta’ promotion. Ir-rikorrent sar Chargehand b’effett minn Ottubru 1986.

Mid-dokumenti pprezentati jirrizulta li kien sar qbil bejn it-Telemalta u l-General Workers Union li l-grad ta’ Telephone Operators Chargehand jsir Customer Service Assistant [fol 32].

Ghalkemm it-Tribunal ta lill-partijiet zmien biex jipprezentaw noti ta’ osservazzjonijiet ma gew prezentati ebda noti.

**KONKLUZJONIJIET**

Illi ghalhekk jidher car li l-ilment tar-rikorrent ghandu zewg aspetti u cioe’:

✓ li fl-1993 sofra downgrading;

✓ li meta hargu l-call for applications ta’ CSO r-rikorrent kien applika ghal din l-promozzjoni u minkejja li kien hassu mar tajjeb fl-interview, ir-rikorrent ma nghatax din il-promozzjoni waqt li individwi ohra b’anqas esperjenza u servizz minn tar-rikorrent inghataw din il-promozzjoni.

Dawn l-aspetti jridu jigu ezaminati separatament. Dwar li r-rikorrent fl-1993 sofra downgrading jirrizulta li fil-fatt l-ftehim kollettiv ma kienx jitkellem biss dwar kemm iggib

marki izda li trid tghaddi u ghalhekk trid il-kwalifika tal-50% tal-marki u wkoll jiddependi mill-vacancies li jkun hemm u ghalhekk jintghazlu ta’ fuq nett. Il-ftehim tal-1994 kellu li jkun hemm diversi assimilazzjonijiet u dan skond kif hemm indikat fil-ftehim dejjem abbazi tas-seniority. Kien sar ftehim fis-27 ta’ Awissu 1993 [esibit a fol 26 et] bejn il-Korporazzjoni Telemalta u l-General Workers’ Union dwar it-twaqqif ta’ Customer Service Unit. Dan il-ftehim kien b’effett mill-1 ta’ Gunju 1993 u kellu l-ghan li jassimila l-gradi kollha li kellhom x’jaqsmu mat-telefonija u t-telegrafija fil-gradi godda ta’ Customer Care. Minn dan il-ftehim jidher car li l-grad ta’ Telephone Operator Chargehand gie assimilat ghall-grad ta’ Customer Service Assistant u ghalhekk ir-rikorrent minn Skala 15 li kien jokkupa tela’ Skala 13 b’effett mill-1 ta’ Gunju 1993 u ghalhekk ma jirrizultax li r-rikorrent sofra xi downgrading, anzi giet qisa bhala promotion. Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni ta’ l-intimat.

Dwar it-tieni aspett u cioe’ dwar applikazzjonijiet ghal CSO is-sur David Buttigieg ghamel referenza ghas-sentenza tal-istess Tribunal numru 106/97 fl-ismijiet ta’ Priscilla Pirotta vs Maltacom p.l.c. Dik kienet l-istess claim u wara l-istess call for applications bhal ta’ Priscilla Pirotta. Ghalhekk it-Tribunal sejjer jikkwota l-parti finali ta’ dik is-sentenza:

“Issa r-rikorrenti allegat li giet imcahhda fi Frar 1994 minn promozzjoni. Meta xehdet fit-12 ta’ Marzu, 1998 hi semmiet li:

“Mistoqsija meta saru l-promozzjonijiet nirrispondi li jidhirli li fl-1995 pero` bil-preciz ma nafx meta. Qed jigi suggerit lili li hargu f`Novembru tal-1995 u nirrispondi li naf li l-call for applications harget f`Novembru 1994 pero` meta hargu l-promotions ma nafx.”

Meta xehed David Buttigieg fl-istess data dan semma li:

“Originarjament is-sejha ghall-applikazzjonijiet kienet harget fi Frar tal-1994 biss peress li kien hemm hafna kwistjonijiet mal-union rigward min kellu japplika u dawn l-

affarijiet, damet tkarkar sa Novembru 1995 meta hareg ir-rizultat.  L-interviews saru Settembru, Ottubru tal-1995 u l-appointments hargu f` Novembru 1995 u dawn ma kienux backdated."

Issa l-artikolu 5 (4) ta' l-Att VIII tal-1997 jghid:
"Dan l-Att ma ghandu jkun japplika ghal ebda att jew omissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta' Mejju, 1987 jew wara l-15 ta' Mejju, 1995."  Fil-kaz in ezami mhux biss hargu l-appointments wara Mejju, 1995 izda anke l-interviews saru f'Settembru, 1995.  Ghalhekk l-Att ma japplikax ghall-kaz tar-rikorrenti.  Ghall-istess motivi tichad it-talba."

Ghall-istess motivi bhal f'dik il-kawza it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------